# PAPIET TAS-SEKLU 14

PAPA URBANU VI ( 1378 - 1389)

Kien ilu ma jsir konklavi gewwa Ruma ghal 75 sena. Il-kardinali ltaqghu fil-Vatikan fis-7 ta' April fost tqanqil kbir fost il-poplu li ried papa ruman jew ghal anqas taljan. Ftit kien hemm



problemi biex il-kardinali jaqblu fuq il-kandidat. Minkejja li l-kardinali francizi kienu fil-magguranza, kienu maqsumin bejn il-Limousini u ohrajn. Bhalma ma kien gara fis-sena 1362 huma fittxew il-kandidat taghhom barra mill-Kullegg sagru u ghazlu lil Bartolomeo Prignano isqof ta' Bari. Apparentament kien jidher kandidat eccellenti. Ma kienx kardinal imma kellu konnessjoni fil-qrib mal-kurja rumana ghax kien vici kancillier. Ma kienx franciz, imma sudditu tar-regina franciza ta' Napli u ghex hafna zmien gewwa Avignon. Barra l-Vatikan il-folla kienet anzjuza u bdiet titlef sabarha. Is-suldati gwardji fit-8 ta' April wissew lill-kardinali biex ihaffu. U kien f'dan il-mument li Prignano kien elett b'vot ta 15 favur kontra wiehed. Orsini

astjena billi beza' li l-elezzjoni tista' tkun whada nvalida. Il-folla dahlet gewwa u wara li serqet u kissret dak li ghogobha fil-palazz u kien f'dan il-mument li Prignano gie elett b'vot ta' 15 kontra wiehed. L-ecitament batta' u Prignano mgharraf bl-ghazla tieghu accetta u ha l-isem ta' Urbanu VI. Wara li gie inkurunat kif kienet l-uzanza l-kardinali talbuh ghall-favuri u kitbu lil shabhom gewwa Avignon li huma ghamlu ghazla libera. Madankollu wara sitt xhur huma haduha kontra Urbanu VI u ddikjaraw li l-elezzjoni tieghu kienet wahda nvalida u ghazlu anti papa.



Urbanu VI kien ufficjal tal-kurja maghruf sew mal-kardinali ghat-tjubija tieghu u l-efficjenza. Imma darba lahaq papa kull virtu' ghebet u l-qilla tieghu ma kelliex limiti. Il-pjanijiet tieghu kienu eccellenti, l-esekuzzjoni taghhom zbaljata. Huwa wieghed riforma mill-qieh nett, imma bdieha billi hadha qatta bla habel bil-kliem kontra l-kardinali u isqfijiet. Huwa hedded bil-miftuh id- dominanza tal-kardinali francizi fil-knisja. Il-kardinali bdew jitbieghedu u jingabru gewwa Fondi. Hemm

f'Settembru 20, tas-sena 1378, iddikjaraw li l-elezzjoni ta' Urbanu VI kienet invalida minhabba li kienu mahkuma mill-biza' u ghaldaqstant hatru bhala antipapa lil Robertu ta' Geneva li ha l-isem ta' Klement VIII. Meta ma rnexilux jiehu lir-Ruma minn taht idejn Urbanu VI, mar jghix gewwa Avignon. L-Ewropa kienet maqsuma. Parti kbira mill-Italja, l-Imperu, l-Ingilteraa, il-Polonja u l-Ungerija baqghu fidili lejn Urbanu, fil-waqt li Franza, l-Iskozja, Napli u r-renju spanjol kienu wara Klement VIII. Sahansitra nies qaddisin kienu jzommu maz-zewgt nahat. Santa Katerina minn Siena kitbet li Urbanu li " dawk ix-xjaten fil-forma ta' bnedmin ma ghazlux Vigarju ta' Kristu, izda anti papa." Minn naha l-ohra San Vincenz Ferrer kien jappoggja lil Klement VIII.

Urbanu kien mexxejj difficli. Il-karattru tieghu ahrax kien spiss igibu fl-inkwiet. Il-pjanijiet tieghu ghar-riforma kienu infixkla mill-konfuzjoni. Il-pontifikat tieghu kien wiehed ta' dieqa. Fit-30 ta' Ottubru 1389, Urbanu miet u halla warajh konfuzjoni kbira li anke dawk li kienu jappogjawh kienu qalbhom maqtugha.